bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Joseph Cordina u
Sp Josric Mifsud)
vs
David Gatt, iben Alfred,
imwieled Mtarfa fis-17 ta'
frar, 1977

Illum, 7 ta' awissu, 2001

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat -
1. talli fl-10 ta' mejju, 2001 u fix-xhur preċedenti, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda kkometta serq ta' diversi mobile phones u 'SIM Cards' li komplessivament jiswew aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 għad-detriment ta' diversi persuni, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fil-lejl ta' bejn it-18 u id-19 ta' mejju, 2000 ikkometta serq ta' madwar 600 biljetti tal-lottu pubbliku, 'scratch and win', tal-valur ta' Lm180 minn banka tal-lottu numru 75, Triq Sir Ugo Mifsud, Lija għad-detriment ta' George Michael Pulo minn Birkirkara, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u
bil-ħin;
3. talli fl-istess ċirkostanżi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, u cioe' biljetti tal-lottu pubbliku, 'scratch and win', żewġ 'mobile phones' u aċċessorji, kif ukoll disa' 'SIM Cards', meħudin b'qerq jew akkwistati
b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
4. talli fl-istess ċirkostanżi żamm għandu munizzjon mingħajr liċenzja
tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, wara li ġie kkundannat b'diversi sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati;
6. talli kiser il-kondizzjonijiet ta' probation skond l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152
tal-Liġijiet ta' Malta mposti fuqu b'żewġ sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati fil-11 ta' lulju, 2000.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-22 ta' mejju, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' awissu, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat tal-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat

l-artikoli 18, 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263, 267, 269, 270, 271u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 5 u 10 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ikkolabora bi sħiħ mal-pulizija u apparti minnhekk hu tossikodipendenti u għalhekk l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali jkun opportun. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Tordna l-konfiska tal-flus u l-oġġetti kollha eżebiti. Inoltre, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' Lm91.00 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti. Fl-aħħar nett, tagħmel rakkoman-dazzjoni lid-Direttur tal-Ħabs biex l-imputat jibda jsegwi kors għar-riabiltazz-joni tiegħu mill-vizzju tad-droga.